DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 247/2017

tal-15 ta' Diċembru 2017

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2019/1653]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1499 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-iskop li jiġu adattati għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi kummerċjali ħfief [1] irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1502 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-iskop li jiġu adattati għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief [2] irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu III tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 21ae (ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32017 R 1502**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1502 tat-2 ta' Ġunju 2017 (ĠU L 221, 26.8.2017, p. 4)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 21ay (ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32017 R 1499**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1499 tat-2 ta' Ġunju 2017 (ĠU L 219, 25.8.2017, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2017/1499 u (UE) 2017/1502 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 219, 25.8.2017, p. 1.
[2] ĠU L 221, 26.8.2017, p. 4.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 109/2017 tas-16 ta' Ġunju 2017 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Sabine MONAUNI

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) ĠU L 142, 7.6.2018, p. 41.